Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 4/17

**Jonathan Micallef**

**vs**

**Mannarinu Ltd**

23 ta' April 2018

1. **Din hija kawża fejn qed tintalab dikjarazzjoni li saret tkeċċija inġusta u għall-konsegwenti ħlas ta' kumpens relattiv.**

2. Fir-rikors tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2014 ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali, Jonathan Micallef ippremetta:

- illi kien ilu tnax-il sena impjegat mas-soċjeta` Mannarinu Ltd bħala "*kitchen helper*", meta darba minnhom, fil-15 ta' Settembru 2014 id-direttur tal-kumpanija Noel Borg ikkomunika miegħu permezz tat-telephone u qallu li seta' ma jattendix għax-xogħol minħabba allegazzjoni li kien seraq kartuna bajd;
- illi l-ġimgħa ta' wara rċieva ittra li kienet tgħid li huwa kien telaq mix-xogħol minħabba argument u li għalkemm talab lill-kumpanija tbiddel tali ittra stante li kienet inveritiera, hija ma għamlitx hekk;
- illi l-allegazzjoni ta' serq hija infondata u ma kienet teżisti l-ebda raġuni valida fil-liġi biex huwa jitkeċċa;
- illi qatt ma rċieviex *warning* (la bil-fomm u lanqas bil-miktub);

Għalhekk talab li jiġi dikjarat illi t-tkeċċija tiegħu kienet inġusta u infondata, u li jieħu l-kumpens relattiv.

3. Fid-Dikjarazzjoni tal-Każ tagħha (li wasal fl-uffiċċju tat-Tribunal Industrijali fl-14 ta' Novembru 2014) is-soċjeta' konvenuta sostniet:

- illi t-talbiet ta' Jonathan Micallef huma infondati stante li kien hu stess li abbanduna l-post tax-xogħol wara suspetti serji ta' serq;

- illi Noel Borg kien wissa lil Micallef dwar tali suspetti, inkluż attentat ta' serq li sfaxxa lil hinn mir-rieda tiegħu sil-15 ta' Settembru 2014;

- illi l-istess Borg kien avża lil Micallef li kien ser jieħu passi dixxiplinari kontrih, inkluż, jekk inhu meħtieġ, bl-investigazzjoni tal-pulizija;

- illi Micallef kien abbanduna l-post tax-xogħol proprju biex jevita l-passi dixxiplinari;

- illi kien għalhekk li fl-ittra li hija bagħtitlu erbat ijiem wara li abbanduna l-post tax-xogħol hija ddikjarat li kien irriżenja;

- illi kienet ukoll offrietlu li jaħdem in-*notice money.*

4. Fid-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2017, it-Tribunal iddikjara li Jonathan Micallef ma rnexxilux jipprova li kien sofra tkeċċija inġusta (fil-fatt deherlu li lanqas biss si trattava ta' "tkeċċija" mix-xogħol iżda ta' "abbandun" tax-xogħol) u għalhekk ċaħad it-talba tiegħu.

5. Fis-27 ta' Jannar 2017 Micallef appella mis-sentenza, fejn talab lil din il-qorti saiex tħassar id-deċiżjoni appellata, u wara li tiddikjara li huwa ġie mkeċċi inġustament mis-soċjeta` Mannarinu Ltd, jew tiffissa l-kumpens adegwat, jew tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex ikun hu li jiffissa l-kumpens adegwat.

6. Qabel ma ssottometta l-aggravji tiegħu huwa ittratta l-limitazzjoni tal-Artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament il-kwistjoni li d-dritt ta' appell huwa fuq punt ta' liġi. F'dan ir-rigward saħaq illi l-fatt li persuna titlob li jiġu eżaminati l-fatti sabiex il-qorti tistħarreġ jekk kienx hemm tkeċċija inġusta, mhix ukoll kontra l-ispirtu tal-Artikolu 82(3), u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għall-insenjament ta' din il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet "Louis Camilleri vs Arrow Express Ltd" (App. Nru. 6/2008) deċiża fit-13 ta' Frar 2009, u fil-kawża "Nathania Mifsud vs Sterling Jewellers" (App.Nru.12/2005) deċiża fit-12 ta' Diċembru 2016.

7. **L-aggravji** tal-appellant Jonathan Micallef jikkonsistu fis-segwenti:

(i) "Leġġerezza u Abbandun jew Tkeċċija":

Fl-ewwel lok jilmenta li t-Tribunal Industrijali kien "*leġġer fl-applikazzjoni tiegħu tal-liġi fid-dawl tal-fatti tal-każ"*, u li r-riferenza li għamel għall-fatti kkontestati kienet żbaljata. Jilmenta għalhekk li l-konklużjoni tat-Tribunal li kien hu abbanduna x-xogħol kienet waħda irraġjonevoli.

- Jenfasizza illi l-allegat serq ma kienx ta' kartuna ħalib u bajd (kif tenna t-Tribunal) iżda ta' kartuna bajd biss;

- Fir-rigward tal-osservazzjoni tat-Tribunal illi l-għada li kellmu Noel Borg huwa "*ma marx għax-xogħol*", jaċċenna għall-fatt li Noel Borg stess xehed illi ma kienx ser jaċċettah għax-xogħol sakemm jitkellmu fuq il-kwistjoni, u li fil-fatt meta ċempillu (fil-ħin li kien għadu kemm spiċċa l-ġurnata xogħol *full-time* u kien sejjer għax-xogħol *part-time* fil-gabbana, ukoll mas-soċjeta` attriċi) qallu biex ma jmurx il-gabbana;

- Jilmenta illi t-Tribunal jidher li aċċetta l-verżjoni li Noel Borg waqqfu milli jmur ix-xogħol biex jagħtih *warning*, meta fil-fatt ma ħareġ l-ebda *warning.*

(ii) "<u>Proċedura f' każ ta' allegat serq</u>":

Fit-tieni lok jargumenta illi l-passi li ħa l-prinċipal tax-xogħol fir-rigward tiegħu kien ferm lil hinn mill-prinċipju tal-proporzjonalita` bejn l-allegat nuqqas u l-miżura dixxiplinarja. Jilmenta illi huwa tkeċċa fuq sempliċi suspett li seraq kartuna bajd u dan wara impieg twil u mingħajr problemi, u mingħajr *warning* preċedenti tul tnax-il sena sħaħ.

(iii) "<u>It-Tribunal Ippreżuma</u>":

Fit-tielet lok isostni illi l-abbandun ta' post tax-xogħol ma jistax jiġi preżunt. Jgħid illi għalkemm it-Tribunal donnu ħaseb li għaliex huwa sab xogħol immedjatament allura ifisser li kien ilu jfittex xogħol ieħor, din hija mera suppożizzjoni li m'għandhiex tiġi aċċettata minn din il-qorti. Jgħid ukoll illi t-Tribunal kien żbaljat meta ta x'jifhem li huwa donnu kellu xi *course of conduct* biex jirriżenja u jfakkar illi r-relazzjoni bejnu u bejn is-soċjeta` appellati ma kinitx waħda ħażina.

8. <u>Is-soċjeta` Mannarinu Ltd fl-1 ta' Marzu 2018 wieġbet</u> li l-appell hu bbażat fuq apprezzament ta' provi, u allura jeżorbita mill-kompetenza ta' din il-qorti u għandu jiġi miċħud.

## <u>Sfond:</u>

9. Jonathan Micallef kien ilu impjegat mas-soċjeta` Mannarinu Ltd għal madwar

tnax-il sena u xogħlu kien fil-kċina, jagħġen l-għaġina għal diversi prodotti. Barra dan l-impieg li kien *full-time*, mis-6.30pm sal-4.00pm, huwa kien fl-aħħar sentejn ukoll beda jagħmel xogħol *part-time* bejn il-5.00pm u t-8.00pm f' gabbana tal-istess soċjeta` li tinsab il-Belt.

10. Darba minnhom, fil-**15 ta' Settembru 2014**, għall-ħabta tal-4.45pm, cioe` waqt li Micallef kien sejjer mix-xogħol tiegħu *full-time* għax-xogħol tiegħu *part-time* fil-gabbana, l-imgħallem tiegħu Noel Borg ċempillu u qallu li kien innota li kien ipprova jisraq kartuna bajd billi ħbieha ġo barmil fil-*cold room* u li r-raġuni għaliex ma kienx ħadha kienet għaliex induna li nqabad.

11. Noel Borg xehed illi għalhekk huwa qal lil Jonathan Micallef biex ma jibqax sejjer jaħdem il-gabbana dakinhar u li kien hemm bżonn jitkellmu. Enfasizza pero` li ma kienx qed ikeċċih: fil-fatt spjega li s-soċjeta` kienet dieħla f'staġun tas-sena fejn ikollha ħafna xogħol. Kompla li l-għada Micallef ma marx għax-xogħol *full time* u ċempillu biex jgħidlu li kien mar l-ETC. Borg qal li qallu li ma kellux għalfejn imur l-ETC.

12. Jonathan Micallef da parti tiegħu xehed illi meta Noel Borg ċempillu u akkużah li pprova jisraq kartuna bajd, kien qallu wkoll biex ma jattendix għax-xogħol iżjed u għalhekk l-għada mar l-ETC biex jgħidilhom bit-terminazzjoni u ġie infurmat dwar xi karti li suppost jgħaddilu min iħaddmu. Qal li għalhekk ċempel lil Noel Borg u dan tah in-numru tal-*accountant* u qallu biex iċempillu.

13. Conrad Vella l-*accountant* xehed illi jiftakar li kien ċempillu Noel Borg biex jgħidlu li kien ta *warning* lil Jonathan Micallef, u li hu kien spjegalu li biex *warning* tkun legali trid tkun bil-miktub u għalhekk Borg talbu biex ilestilu tali *warning*. Kompla jgħid illi l-għada ċempillu u qallu biex jinsa kollox dwarl-ittra tal-*warning* għaliex Jonathan Micallef "*ma kienx ġej jaħdem iktar hawnhekk".*

14. Is-soċjeta` Mannarinu Ltd bagħtet ittra (datata 19 ta' Settembru 2014 u ffirmata minn Noel Borg) lil Jonathan Micallef fejn qaltlu li għalkemm kien iddeċieda li jittermina l-impieg magħha "*by not showing up for work*", hija

xorta kienet qed ittih l-opportunita` li jaħdem in-*"notice period"*.

15. Fit-**<u>22 ta' Settembru 2014</u>** Jonathan Micallef impjega ruħu mas-soċjeta` "*Maypole (Holdings) Ltd*" bl-istess paga li kellu mas-soċjeta` Mannarinu Ltd.

**<u>Appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fuq punt ta' liġi biss:</u>**

16. Kif spjega l-istess appellant qabel ma għadda biex jelenka l-aggravji tiegħu, l-Artikolu 82(3) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali) jipprovdi li f'każijiet ta' tkeċċija inġusta "***jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi***". B'riferenza għall-ġurisprudenza minnu stess ċitata jargumenta illi li din il-qorti teżamina l-fatti biex tistħarreġ jekk effettivament kienx hemm tkeċċija inġusta mhux kontra l-ispirtu ta' dan l-artikolu.

17. Jiġi enfasiżżat li d-deċiżjonijiet ċitati minnu jagħmluha ċara illi l-qorti tal-appell tista' tissindika l-apprezzament tal-fatti li jkun għamel it-Tribunal biss għall-finijiet sabiex tistabbilixxi jekk saritx applikazzjoni korretta ta' punt ta' dritt fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

18. Fil-kawża fl-ismijiet "**<u>Louis Camilleri vs Arrow Express Ltd</u>**" (App.Nru.6/2008) deċiża fit-13 ta' Frar 2009 din il-qorti (diversament preseduta) għamlitha ċara illi fl-ewwel lok irid jeżisti appell fuq **<u>punt ta' liġi</u>** u "*huwa biss malli l-qorti taqbel li dan jeżisti li allura l-appell fuq dan il-punt isir devoluttiv tal-kwestjonijiet l-oħra kollha konsegwenzjali, kompriżi dawk tal-fatti.*" <u>F'dak il-każ l-ilment tal-appellant kien illi t-Tribunal naqas li japprofondixxi, legalment u fattwalment, il-kunċett tat-"*raġuni tajba u biżżejjed*" li hemm fl-Artikolu 36(14) tal-Kap 432 għal skop ta' tkeċċija.</u> Il-qorti dehrilha li dan l-ilment kien fondat u għalhekk laqgħet l-appell u rrinvjat l-atti lit-Tribunal sabiex jiffissa l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellant għat-tkeċċija tiegħu mingħajr kawża ġusta.

19. Fil-kawża l-oħra ċitata minnu fl-ismijiet "**Nathania Mifsud vs Sterling Jewellers**" (App.Nru.12/2005) deċiża fit-12 ta' Diċembru 2016, din il-qorti irriteniet li għandha l-poter tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha, it-Tribunal Industrijali applikax korrettament il-punti ta' dritt għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Is-soċjeta` appellanti ilmentat illi t-Tribunal naqas milli jibbaża l-evalwazzjoni tal-provi kollha li kellu quddiemu fuq il-principji ta' dritt li jirregolaw il-kunċett tat-tkeċċija ingusta.

20. Din il-qorti tagħmel ukoll riferenza għal deċiżjonijiet oħra fir-rigward.

21. Fil-kawża Anthony Pullicino vs Devlands Ltd tat-28 ta' Frar, 2007 din il-qorti kellha każ pjuttost simili għal dak in eżami fejn il-kwisjtoni kienet jekk l-impjegat kienx imkeċċi jew telaq mix-xogħol minn jeddu. Il-qorti ikkunsidrat jekk setax isir appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba li l-Artikolu 82(3) tal-Att XXII tal-2002 jipprovdi li appell jista' jsir biss fuq *'punt ta' liġi'*. Il-qorti osservat:

*"Jidher minn stharrig ta' l-atti processwali illi l-indagini tat-Tribunal kienet tirrivolvi dwar il-punt jekk, mill-fatti akkwiziti, il-materja kienetx titratta minn licenzjament ta' l-appellanti jew mid-dimissjoni tieghu. Tali indagini kienet timporta li jigi interpretat certu diskors li jinghad li ntqal minn wiehed mid-diretturi tal-kumpanija appellata f'incident partikolari……*

*…… l-accertament tar-rikorrenza ta' fatt dedott fil-gudizzju hu mqieghed fuq il-pjan tal-valutazzjoni ta' fatti, u minnha nfisha tali valutazzjoni ma kienet timporta generalment ebda punt ta' ligi. Jikkonsegwi allura illi l-gudizzju hekk maghmul jitqies* incensurabbli minn din il-Qorti, ammenokke ma jkunx muri ghas-sodisfazzjon taghha illi l-aggravji dwaru jkunu msejsa fuq punt bhal dan;

*L-appellanti jista' ma jaqbelx mal-gudizzju li sar fil-kaz tieghu mit-Tribunal dwar il-provi u jista' wkoll jikkontendi li s-sentenza mhix nieqsa minn zbalji logici ta' l-aspetti fattwali. Dan pero` ma jakkordalu ebda dritt ta' appell lil din il-Qorti in vista tar-rizerva limitativa ghal "punt ta' ligi" biss. Jigi ghalhekk illi meta d-decizjoni tkun bazata merament fuq apprezzament tal-fatti, kif inhu proprju l-kaz prezenti, dik id-decizjoni hi wahda finali u ma tattirax is-sindakabilita` ta' din il-Qorti. Kif jinsab sew ritenut, meta l-Qorti ma ssibx li jezisti ebda punt ta' ligi ma jkunx hemm lok li jigu ezaminati kwestjonijiet ta' fatt billi fuq apprezzament ta' fatti d-decizjoni tat-Tribunal hi insindakabbli. Jigu hekk ri-ezaminati dawn il-fatti bhala konsegwenza ta' l-ezistenza tal-punt ta' ligi. Ara Kollez. Vol. XXXVII P I p 383. Jigi minn dan illi mhux lecitu li jingiebu quddiem Qorti ta' Appell obbjezzjonijiet taht l-apparenza ta' punt ta' ligi sempliciment biex jirrendu ssentenza appellabbli. Effettivament, fil-hsieb tal-Qorti huma ta' din il-kwalita` il-maggjor parti ta' l-aggravji sottomessi"*

22. Fid-dawl ta' tali insenjament din il-qorti sejra tikkunsidra l-aggravji tal-appellant.

**L-ewwel aggravju** – *leġġerezza fl-applikazzjoni tal-liġi*

23. L-appellant jilmenta illi t-Tribunal kien leġġer fl-applikazzjoni tiegħu tal-liġi fid-dawl tal-fatti tal-każ, u li r-riferenza li għamel għall-fatti kkontestati kienet żbaljata bil-konsegwenza li l-konklużjoni tiegħu illi si trattava ta' abbandun tax-xogħol da parti tiegħu u mhux ta' tkeċċija da parti tas-soċjeta` appellata, kienet waħda irraġjonevoli.

24. Pero' dan kien każ fejn it-Tribunal iddeċieda a bażi tal-apprezzament tal-provi li għamel.

25. Fil-fehma ta' din il-qorti l-konklużjoni tat-Tribunal li l-appellant ma ġiex imkeċċi u li invece abbanduna x-xogħol minn rajh, la wasal għaliha b'mod "leġġer", u lanqas ma kienet "irraġonevoli". It-Tribunal jidher li kkunsidra sew il-verżjonijiet tal-partijiet u anke għamel riferenza speċifika għal xi partijiet mix-xiehda tagħhom, senjatament id-deposizzjoni ta':

- Noel Borg (mis-soċjeta` appellata) fejn spjega illi wara li daħallu suspett li Jonathan Micallef kien ser jipprova jisraq kartuna bajd[1] huwa ċempillu u qallu biex dakinhar ma jibqax sejjer għax-xogħol *part-time* fil-gabbana tal-istess soċjeta` appellata;

- Jonathan Micallef fejn sostna illi l-imgħallem (cioe Noel Borg) kien ċempillu u qallu biex dak in-nhar ma jibqax sejjer il-gabbana biex jagħmel ix-xogħol *part-time*, u biex l-għada ma jmurx għax-xogħol;

- tal-*accountant* tas-soċjeta` appellata Conrad Vella fejn jirreferi għall-ittra li ntbagħtet lil Jonathan Micallef liema ittra tindika li kien Jonathan Micallef li kien abbanduna x-xogħol.

26. It-Tribunal irrikonoxxa illi l-kwistjoni dwar jekk kienx hemm tkeċċija da parti tas-soċjeta` appellata jew abbandun da parti tal-appellant fil-fatt ma kinitx ċara, iżda meta kkunsidra ċ-ċirkostanzi kollha, fehem illi dak li fil-fatt ġara kien illi wara t-telefonata li Jonathan Micallef rċieva mingħand Noel Borg (fejn qallu li kien qed jissuspetta li kien qed jisraq u qallu wkoll biex ma dakinhar stess

[1] għalkemm jidher t-Tribunal erronjament fehem li si trattava ta' kartuna ħalib ukoll – fi kwalunkwe każ din ma

ma jibqax sejjer il-gabbana għax-xogħol *part-time*), l-istess Micallef beda jaħseb li kien ser jitkeċċa u allura beda jfittex xogħol u sab immedjatament.[2] Kien għalhekk li kkonkluda illi Micallef ma ġiex mkeċċi, iżda li kien invece hu stess li ddeċieda li jitlaq minn rajh.

27. Il-konkużjoni li wasal għaliha t-Tribunal kienet motivata sew, u in sostenn tal-konsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom it-Tribunal wasal għal tali konklużjoni, din il-qorti taċċenna partikolarment għal dik il-parti tax-xiehda ta' Noel Borg fejn qal li meta ċempel lil Jonathan Micallef qallu biex dakinhar ma jmurx il-gabbana "*u minn hemmhekk aħna rridu nitkellmu*". Borg fil-fatt ippreċiża li huwa ma kienx qed ikeċċih għaliex kellu track record tajjeb, u "*jekk tagħmel żball darba ma tistax inti tinsa l-għaxar snin l-oħra".* In oltre xehed illi kieku ried ikeċċih ma kienx ikeċċih f'proprju f'Settembru għaliex f'Novembru jkollhom żewġ "*weddings fairs*" u li f' Diċembru jkunu mħabtin ħafna bix-xogħol. Il-verżjoni ta' Noel Borg hi kkorroborata sew mill-*accountant* Conrad Vella li fil-fatt xehed illi wara li Borg kien kellem lill-appellant fuq is-suspett tas-serq, kien talbu biex jippreparalu "*warning"* għall-istess appellant bil-miktub, iżda imbagħad kien reġa' ċempillu *"u qalli l-warning insiha għax ċempilli Jonathan li mhux ġej jaħdem iktar hawnhekk."* Kien abbażi ta' dan li s-soċjeta` attriċi imbagħad bagħtet l-ittra lill-appellant li tindika li kien hu stess li ddeċieda li jittermina l-impieg "*by not showing up for work".*

28. Għaldaqstant l-ewwel aggravju hu għal kollox infondat.

**<u>It-tielet aggravju</u>**: *il-"preżunzjoni" tat-Tribunal dwar l-abbandun tax-xogħol*

29. Din il-qorti ser tikkunsidra t-tielet aggravju qabel it-tieni wieħed. Fit-tielet aggravju l-appellant jilmenta li t-Tribunal "ippreżuma" li huwa abbanduna l-impieġ tiegħu. Dan pero` mhux il-każ. It-Tribunal ikkonkluda illi l-appellant abbanduna l-impieg <u>proprju abbażi tal-fatt illi rriżulta li l-għada tat-telefonata ma marx iktar għax-xogħol, u dan nonostante li ma rriżultax li kien hemm</u>

[2] Fil-fatt ġimgħa biss wara impjega ruħu mal-Maypole (holdings) Ltd, kif jidher mill-ittra Dok JM2, fol 42

tkeċċija. It-Tribunal jidher li qies illi meta Noel Borg kien ċempel lill-appellant u kellmu dwar is-suspetti li kellu dwar serq, qallu biex dakinhar fil-għaxija ma jmurx għax-xogħol tal-*part-time,* iżda li b'daqshekk ma kienx qed ikeċċih. Il-preżunzjoni tat-Tribunal se mai kienet tirrigwarda r-raġuni għaliex l-appellant abbanduna x-xogħol (u cioe` li kien qed jaħseb li ġejja tkeċċija) iżda mhux l-abbandun per se. Kien fil-fatt abbażi tal-provi li t-Tribunal ikkonkluda li l-appellant abbanduna x-xogħol.

30. Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

**It-tieni aggravju**: *in-nuqqas ta' proporzjonalita` bejn l-allegat nuqqas u l-miżura dixxipplinarja*

31. L-appellant jilmenta illi kienet miżura xejn proporzjonali illi huwa tkeċċa fuq sempliċi suspett li seraq kartuna bajd wara impieg twil u mingħajr problemi u bla ebda *"warning"* tul tnax-il sena sħah. Ovvjament ladarba din il-qorti bl-ebda mod ma hija qegħda tiddisturba l-konklużjoni tat-Tribunal illi l-appellant abbanduna x-xogħol u mhux ġie mkeċċi mis-soċjeta` appellata, mhux il-każ li tikkonsidra dan l-aggravju.

**Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell ta' Jonathan Micallef u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal. L-ispejjeż kollha tal-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Anthony Ellul.